MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 129/2002

Terry mart Alfred Mallia .

VS

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :

Illi hija Terry Mallia nee' Pace, twieldet ir-Rabat, Ghawdex, fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, ta' l-elf disa' mija u wiehed u hamsin (1951) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mija u disgha u tletin tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (139/1951) (Dok. A),

Illi l-istess att tat-twelid isem l-attrici gie mnizzel bhala Tarcisia u dan minkejja illi l-genituri taghha riedu li l-isem ikun Terry .

Illi l-attrici zzewget lil Afred Mallia, fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja, Kapuccini, Rabat, Ghawdex fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija disgha u sebghin (1979), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex bin-numru progressiv mija u sbatax tas-sena elf disa’ mija u disgha u sebghin (117/1979)(Dok. B) ;

Illi fl-istess att taz-zwieg isem l-attrici gie mnizzel skorrettament bhala Tarcisia sive Terry u mhux bhala Terry ;

Illi l-attrici minn dejjem kienet tuza l-isem Terry u dana anke’ kif jidher minn fuq l-istess Att taz-Zwieg ta’ l-istess Terry Pace ;

Illi l-attrici tixtieq illi ssir tali korrezzjoni kemm fl-att tat-twelid u fl-att taz-zwieg taghha sabiex jigu evitati hafna kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu meta dawn l-atti jigu prezentati minhabba din l-iskorettezza .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u disgha u tletin tas-sena elf disa’ mija wiehed u hamsin (139/1951) billi fil-kolonna ‘isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’ kif ukoll fil-kolonna ‘Ismijiet moghtija’ l-isem ‘Tarcisia’ jigi sostitwit bl-isem ‘Terry’ ;

2. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv mija u sbatax tas-sena elf disa’ mija u disgha u sebghin (117/1979) billi fil-kolonna ‘Isem u kunjom il-mara’ l-isem jigi sostitwit bl-isem ‘Terry’ ;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti konfermata bil-gurament ta' l-istess attrici .

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess dikjarazzjoni, u cioe' bhala dokument 'A', certifikat tat-twelid ta' l-attrici, li jgib in-numru mija disgha u tletin tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (139/1951); u bhala dokument 'B' certifikat taz-zwieg ta' l-istess attrici li jgib in-numru mija u sbatax elf disa' mija disgha u sebghin (117/1979) .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, illi eccepixxa ;

1. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-att tat-twelid, id-Direttur Registru Pubbliku rregistra "Tarcisia" bhala isem l-attrici kif gie ndikat lilu mill-genituri tal-attrici, u ghal dak illi jirrigwarda l-att taz-zwieg, rega tnizzel l-istess isem Tarcisia fuq indikazzjoni mill-attrici nnifisha u skond l-isem kif irregistrat fl-att tat-twelid ;

2. Illi jekk hemm xi zball fl-isem tal-attrici, dan l-izball hu tort tal-attrici nnifisha jew/u tal-genituri taghha ;

3. Illi salv il-premess, huwa ma hux edott mill-fatt tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi .

4. Illi ghal daqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghadhom jigu sofferti interament mill-attrici u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess direttur tar-Registru Pubbliku kkonfermata bil-gurament ta' Dr. Marlin Vella .

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' l-attrici, illi kkonfermat illi hija minn dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' Terry, u

mhux Tarcisia kif erronjament indikat fic-certifikat tat-twelid taghha u c-certifikat taz-zwieg taghha .

Il-Qorti ghal hekk u in vista ta' din id-depozizzjoni ta' l-attrici, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u,

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u disgha u tletin tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (139/1951) billi fil-kolonna 'isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' kif ukoll fil-kolonna 'Ismijiet moghtija' l-isem 'Tarcisia' jigi sostitwit bl-isem 'Terry' ;

2. Tordna wkoll korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv mija u sbatax tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (117/1979) billi fil-kolonna 'Isem u kunjom il-mara' l-isem jigi sostitwit bl-isem 'Terry' .

In vista tan-natura ta' din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------